# Dan id-demm fuq idejk, Robert Abela!

## Azzjoni simbolika fil-Belt Valletta tfakkar fin-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tal-Prim Ministru dwar l-illegalitajiet tal-kaċċa u l-ħarsien tal-għasafar

BirdLife Malta llum organizzat azzjoni simbolika quddiem l-Uffiċċju tal-Prim Ministru f'Misraħ Kastilja fil-Belt Valletta. Numru ta' persuni bilwieqfa fil-pjazza żammew f'idejhom ritratti sbieħ ta' għasafar tal-passa, hekk kif indaqqet mużika li fiha nstemgħu jgħannu l-għasafar. Minn ħin għall-ieħor il-mużika kienet interrotta ħesrem mill-ħoss tal-isparar tas-snieter tal-kaċċa. Ma' kull tir, il-parteċipanti waqgħu mal-art fuq it-taraġ ta' Kastilja hekk kif ir-ritratt li kellhom f'idejhom inbidel biex juri għasafar protetti feruti jew maqtula. Imbagħad inħarġu żewġ strixxuni, wieħed jappella għall-kuraġġ mill-awtoritajiet biex ma jibqgħux jibżgħur quddiem min jikser il-liġi u l-ieħor b'messaġġ ċar li l-qtil rampanti tat-tajr protett li qed iseħħ f'Malta hu tort u responsabbiltà tal-Prim Ministru.

Matul l-aħħar snin, il-liġijiet tal-ħarsien tal-għasafar bdew jiġu mdgħajfa b'mod sistematiku sabiex ikun żgurat li l-kaċċaturi jeħilsuha ħafif. Diversi liġijiet, fosthom dik li tirregola l-ibbalzmar tal-għasafar, ġew emendati biex jinġiebu fi stat li impossibbli jiġu infurzati, waqt li liġijiet oħrajn bħal dik tal-kaċċa għall-Fenek Selvaġġ ġew emendati biex jinħolqu lakuni ċari li jippermettu lill-kaċċaturi jikkaċċjaw għall-għasafar waqt l-istaġuni magħluqa.

Matul il-passa tal-għasafar, l-illegalitajiet rampanti jiżdiedu minħabba l-influss ta' għasafar protetti u s-sitwazzjoni marret għall-agħar meta l-Prim Ministru ċeda għat-talba tal-għaqdiet tal-kaċċaturi li jneħħi l-curfew fuq il-kaċċa tal-għasafar li kien jiżgura li l-għasafar jiġu mħarsa meta jkunu qed ifittxu post fejn jinżlu ħalli jqattgħu l-lejl. Minħabba f'din il-bidla, illum saret xi ħaġa komuni li dan it-tajr protett jispiċċa fil-mira tal-kaċċaturi fi nżul ix-xemx, meta jinqatlu numri kbar ta' għasfar protetti fil-ħin li jkunu qed ifittxu post fejn jorqdu.

Minbarra li qed jagħmilha aktar faċli għall-kaċċaturi biex joqtlu għasfar protetti, il-Gvern qed jibqa' ma jagħmel xejn fuq il-kawża prinċipali tal-problema, li huwa l-ibbalzmar, u s-sitwazzjoni li nħolqot fil-passat ta' kollezzjonijiet kbar ta' tajr ibbalzmat li għandhom il-kaċċaturi li ngħataw amnestiji fl-imgħoddi. Is-sistema li permezz tagħha kienu qed jiġu vverifikati u kkontrollati dawn il-kollezzjonijiet kienet twaqqfet madwar 10 snin ilu imma l-kaċċaturi qed ikomplu għaddejjin bit-trasferimenti tal-għasfar bejniethom, anke jekk dan hu illegali. Din l-illegalità wkoll kienet gawdiet minn amnestija mogħtija mill-Ministru Clint Camilleri bil-barka tal-Prim Ministru Robert Abela meta ħareġ avviż legali, mingħajr ma kkonsulta mal-Kumitat ORNIS, ftit jiem qabel l-aħħar elezzjoni ġenerali.

Il-Gvern immexxi mill-Prim Ministru Robert Abela, megħjun mill-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri, tant lest jagħmel kollox biex jaġevola lil-lobby tal-kaċċaturi li saħanistra rnexxielu jnaqqas ir-riżorsi tal-Environmental Protection Unit (EPU) tal-Korp tal-Pulizija waqt li Għawdex jibqa' post fejn l-EPU ma titħalliex topera. Dan meta l-Kummissjoni Ewropea mhux biss fetħet proċeduri ta' ksur dwar id-derogi kollha tal-kaċċa u l-insib f'Malta, imma anke bdiet azzjoni legali simili fir-rigward tan-nuqqas ta' infurzar biex jiġu mħarsa l-għasafar kif tistipula d-Direttiva Ewropea dwar l-Għasafar.

L-attitudni li qed jadotta l-PM Robert Abela biex ikompli jikkuntenta lill-kaċċaturi akkost ta' kollox qed tħeġġeġ sentiment fost il-kaċċaturi li ma jista' għalihom ħadd u li jistgħu jagħmlu li jridu, anke jiksru l-liġi, għax jafu li mhux probabbli li jħallsu prezz għal dan. Dan huwa t-tort tal-Prim Ministru u issa wasal iż-żmien li jieħu responsabbiltà sħiħa ta' din il-kwistjoni!

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-hWUHvMKzOm**

- Għażla ta' ritratti tal-azzjoni simbolika ta' BirdLife Malta dalgħodu quddiem l-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Ritratti ta' Cinzia Mintoff)

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/t-5MVk3ah2y6**

- Video editjat qasir tal-azzjoni simbolika ta' BirdLife Malta dalgħodu quddiem l-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Filmati u muntaġġ ta' Steve Zammit Lupi)